Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri - Għawdex)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 9/2016

**John u Carmela konjuġi Falzon**
**(appellati)**

**Vs**

**Solar Engineering Limited**
**(appellanti)**

Illum 24 ta' Mejju, 2019.

1. **L-appell in diżamina huwa minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar talba għar-rifużjoni ta' depożitu ta' €9,000 imħallsa mill-atturi lis-soċjetà konvenuta akkont tal-prezz ta' pannelli fotovoltajċi li evSentwalment ma ġewx installati.**

2. Fil-qosor:-

   2.1. Permezz ta' rikors ippreżentat fl-24 ta' Ġunju 2016, l-atturi talbu lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Inferjuri) tikkundanna prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja inkluż dik li ma wettqitx l-obbligi skont skrittura privata tal-4 t'April 2014 (Dok. A), tħallashom is-somma ta' disat elef euro (€9,000) rappreżentanti depożitu mħallas akkont ta' prezz ta' teknoloġija u apparat li jnaqqas il-konsum tal-enerġija. Bl-imgħax u bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 46/2016 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 81/2016.

   2.2. B'risposta tal-5 ta' Ottubru 2016,[1] il-konvenuta wieġbet illi: (i) t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż; (ii) l-atturi rrifjutaw il-konsejna u l-istallazzjoni tal-apparat ordnat minnhom li ilu

[1] Fol. 7.

żmien twil li wasal Malta; (iii) id-depożitu mħallas mill-atturi mhuwiex rifondibbli billi l-istallazzjoni ma saritx għal xi tort jew nuqqas tagħha u għalhekk id-depożitu għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż inkorsi minnha.

2.3. B'sentenza mogħtija fis-16 t'Ottubru 2018,[2] il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Inferjuri, iddeċidiet billi filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta, għaddiet sabiex tilqa' t-talba attriċi, iddikjarat li s-soċjetà konvenuta naqset milli tadempjixxi ruħha mal-obbligi assunti minnha skont skrittura privata datata 4 ta' April 2014 bejn il-partijiet, ikkundannat lis-soċjetà konvenuta Solar Engineering Limited tħallas lill-atturi John u Carmel konjuġi Falzon is-somma ta' disgħat elef euro (€9,000) rappreżentanti depożitu mħallas lilha akkont ta' prezz ta' teknoloġija u apparat li jnaqqas il-konsum tal-enerġija kif jirriżulta mill-istess skrittura. Bl-imgħax skont il-liġi mid-data tal-20 ta' Mejju 2016, ċioé d-data tal-ittra uffiċjali 46/2016 debitament notifikata lis-soċjetà konvenuta sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż kollha kif mitluba kontra s-soċjetà konvenuta.

3. Mis-sentenza appellat is-soċjetà konvenuta[3] u lmentat li l-ewwel qorti għamlet apprezzament skorrett tal-provi u tal-liġi in materja ta' obbligazzjonijiet u l-effetti tagħhom. Talbet għalhekk lil din il-Qorti:

> '*jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Inferjuri tas-sittax (16) ta' Ottubru 2018, fl-atti tal-Avviż surriferita, billi prevja l-akkoljiment tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta appellanta tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess atturi appellati.*'

4. L-appellati wieġbu[4] illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma filwaqt li l-appell interpost mis-soċjetà appellanta għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż. Qalu wkoll li l-aggravju jitratta l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti, liema apprezzament m'għandux jiġi disturbat inkwantu m'huwiex ħażin jew manifestament żbaljat.

---

[2] Fol. 385 *et seq.*
[3] Fol. 396 *et seq.*
[4] Fol. 407 *et seq.*

**Konsiderazzjonijiet**.

5. Għal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi, hu magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax leġġerment id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Prim' Istanza fl-evalwazzjoni tal-provi. Madanakollu:

> *'... bħal fil-każ ta' kull regola oħra jeħtieġ li jiġu senjati l-veri limiti tal-prinċipju. Hekk jinsab ukoll sew affermat illi meta din il-Qorti tkun konvinta li tkun ser tiġi kaġonata inġustizzja manifesta, hi għandha, b' dover, l-obbligu li tissindika dak l-apprezzament u anké tasal għal konkluzjoni diversa minn dik li tkun waslet għaliha l-qorti ta' l-ewwel grad. Jokkorri għalhekk li jiġu ri-eżaminati l-fatti provati biex minnhom tara jekk jeżistux "raġunijiet gravi li jwassluha għall-konvinċiment illi dik il-Qorti ma setgħetx ma kienetx żbaljata fl-apprezzament tagħha. Raġunijiet li jwassluha għall-konvinzjoni illi jekk ma tissostitwix l-apprezzament tagħha ta' dawk il-provi għal dawk ta' l-ewwel Qorti tkun ser tiġi krejata inġustizzja manifesta" - "***Joseph Walker nomine -vs- Raymond Pizzuto***", Appell, 6 ta' Ottubru 1999 u "***Emily Stivala et - vs- George Pace***", Appell mill-Bord, 6 ta' Ottubru 2000'*[5]

6. F'dan l-isfond, din il-Qorti sejra tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà konvenuta.

7. Jirriżulta illi fis-sena **2013**, l-appellati, sidien ta' razzett bl-isem ta' "Ave Maria Farm" fi Sqaq il-Kustinjuz fil-limiti tan-Naxxar, applikaw taħt skema magħrufa bħala 121 mal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali sabiex jingħataw għajnuna finanzjarja għall-imodernizzar tar-razzett fejn irabbu t-tiġieġ u l-majjali. Skont l-atturi, kienu ntagħżlu għal din l-iskema, '*u għalhekk ridna nkomplu bit-tieni parti tal-applikazzjoni li kienet tikkonsisti f' applikazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti inkluż l-Enemalta sabiex tistabilixxi l-ammont ta' solar panels li setgħu isiru u fix-xiri tas-solar panels'*.[6]

8. **Fl-4 ta' April 2014**, rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta Timothy Jones u Victor Sultana kienu marru r-razzett tal-atturi u kkonvinċewhom jusufruwixxu mis-servizz tas-soċjeta' konvenuta għax-xiri u nstallazzjoni tal-pannelli fotovoltajċi. Skont l-atturi:

> *'huma kienu qalulna li kellhom l-aħjar servizz, l-aħjar pannelli u setgħu jagħmlu l-proċedura kollha kif rikjesta mill-Gvern* ***fi żmien qasir ta' xahrejn*** *mid-data tal-applikazzjoni. Kif smajna hekk u iddiskutejna l-prezz, ir-rappreżentanti tas-soċjetà intimata kienu pperswadewna biex napplikaw għall-iskema magħhom.'*[7]

9. Timothy Jones ikkonferma:

---

[5] ***Pirotta Rita vs Carbonaro Simon***, Qorti tal-Appell Inferjuri, 17.11.2004.
[6] Fol. 9.
[7] Fol. 9, enfażi miżjud.

*'dakinhar il-klijent konna kellimnieh fuq is-sitema tal-pannelli, u ovvjament kien hemm il-ħin minħabba tal-M121, u dana iġifieri kien hemm ħin li ried jagħmilhom bilfors, jiġifieri mhux bilfors, imma ried jagħmilhom. Issa aħna konna ħajjarnieh fuq is-sistema ta' one hundred and eighty (180) panels jew one hundred and fifty six (156) panels, ma nafx kemm kien l-ammont dak iż-żmien, ma nistax ngħidlek eżatt, imma kien ammont 'l fuq minn mitt (100) pannella, li dan suppost jiflaħ fuq Smart Meter bi three phase.'*[8]

*'milli niftakar aħna konna spjegajnielhom li s-Solar Engineering kienet set tieħu ħsieb il-proċess kollu inkluz formoli neċessarji u l-applikazzjonijiet mal-Enemalta.'*[9]

*'Fuq tal-M121, fuq din, fuq dan il-każ, all right, hemm hekk meta konna jiġifieri jiena u Vitor, Vitor kien qallu li isma hemm minn naħa tal-Perit, u neħdulek ħsieb aħna u fi żmien xagħrejn u whatever, dak id-diskors jiġifieri smajtu.'*[10]

10. Effettivament jirriżulta li Timothy Jones u Victor Sultana ippreżentaw lill-atturi b' żewġ stimi, waħda ta' €93,328.56 għal 156 pannella[11] bl-intendiment li dan huwa l-massimu li seta' jingħata mill-Enemalta fuq *three phase*[12] u oħra ta' €19,588.00 għal 32 pannella.[13] L-atturi għażlu dik tal-ewwel wara li ġiet ridotta għas-somma ta' €90,000 u 4 pannelli jingħataw b'xejn.[14]

11. Dakinhar stess ġie ffirmat ftehim[15] bejn l-attur John Falzon u Victor Sultana għan-nom tas-soċjetà konvenuta li kien jipprovdi kif ġej:

*'<u>Whereas the applicant</u>*

*1. has shown his/her interest in investing in technologies and equipment that will reduce the consumption of energy resources of his/her farm holding;*
*2. is willing to seek financial assistance through funding being offered under Measure 121: Modernisation of Agricultural Holdings being offered by the Ministry for Resources and Rural Affairs;*
*3. has sought and appointed the contractor to assist him/her in determining the best option for his/her circumstances;*
*4. will provide the information that the contractor will require to compile the application form;*
*5. will provide the documentation that is required with the application form;*

[8] Fol. 244.
[9] Fol. 129.
[10] Fol. 249.
[11] Fol. 84.
[12] Fol. 168.
[13] Fol. 85.
[14] Fol. 147.
[15] Fol. 2 – 3.

6. *will pay the sum of €9,000 as deposit on the proposed technology and equipment;*

*The contractor, on his part,*

1. *will offer assistance to the applicant to present a more coherent and effective investment proposal;*
2. *will provide guidance so that the applicant's proposal will clearly demonstrate the environmental and financial benefits for his/her farm holding;*
3. *will assist the applicant with the compiling and submission of the official application form;*
4. *will assist the applicant in compiling the supporting documents which may be required to be submitted with the application form;*
5. *will assist the applicant if additional material is requested following the submission of the application;*
6. *will do its utmost possible for the successful evaluation of the applicant's proposal;*

*Should the applicant's application be successfully evaluated and a letter of acceptance issued, the applicant will be required to immediate notify the contractor and within one month, enter into an agreement for the supply, installation, testing and commissioning of the said equipment mentioned in his application form.*

*The deposit mentioned in this agreement will then be considered as an "on-account payment" of the purchase price of the equipment".*
*Further if the Application submitted will be successful, the Client cannot change supplier (contractor). If by any means the client decides not to abide with these conditions, the client will have to compensate the contractor for the costs of works and fees accumulated for the submittal of the client's application.*
*Should the application of the applicant be unsuccessful, the contractor will refund the deposit paid within one month on presenting of the official documentation received from the MRRA.*

*Total Project amount €90,000*
*Deposited €9,000*
*Signed ...'*

12. Mal-ftehim l-atturi ħallsu l-imsemmi depożitu ta' disat elef Euro (€9,000) permezz ta' ċekk li taw lil Victor Sultana għan-nom tas-socjeta' konvenuta.[16] Ġiet ukoll mimlija applikazzjoni maħruġa mill-Awtorità ta' Malta għar-Riżorsi għal *Feed-in Tarrifs Scheme,* '**Dok ASA 1**',[17] relattiva għal 160 pannella ta' 255 watts fuq *three*

[16] Fol. 95.
[17] Fol. 72 *et seq*.

*phase* għar-razzett tal-attur. Skont Sultana f'dik l-okkażjoni l-atturi intalbu jagħtu l-isem, in-numru u l-*email address* tal-Perit tagħhom;[18]

> *'... suppost kellhom xi żmien xahrejn jeħlu l-pannelli, kollox xogħol għalihom, jien m'għandi x'naqsam ma' xejn, talabni t-telephone tal-Perit biss, Victor Sultana qalli "ħalli f' idejja, dak jien nafu ħafna sewwa l-Perit li għandek int" u minn dak iż-żmien ma sar xejn. Għaddew ix-xahrejn, għaddew sitt (6) xhur u jien ridt nagħmel il-pannelli u l-pannelli ma twaħħlux.'*[19]
>
> *'Victor Sultana qalli "ħalli kollox f'idejja, agħtini t-telephone tal-Perit," tajtu n-number tat-telephone tal-Perit, ċempillu, qalli "issa minn issa 'l hinn kollox f'idejna, għandekx x'taqsam ma' xejn, fi żmien xahrejn se jkollok l-istallazzjoni tal-pannelli'*[20]
>
> *"ma kellix nimla applikazzjonijiet jien mas-Solar Engineering għax jien ma Vitor bqajt u ma' Timothy Jones, qalli "int m'għandek x'taqsam ma' xejn, ħalli f' idejna jekk ikollna bżonn niġu nfittzuk hawnhekk ir-razzett.'*[21]

13. Fl-affidavits u fix-xhieda tagħhom[22] l-atturi sostnew li wara li ġie ffirmat il-ftehim tal-4 ta' April, 2014 huma ma semgħu l-ebda aħbar mingħand is-soċjeta' appellanti għal xhur sħaħ filwaqt li kienu qed jiġu ppressati mid-Dipartiment tal-Agrikoltura sabiex jottemporaw ruħhom mal-kundizzjonijiet tal-iskema u b'hekk ma jintilfx is-sussidju. L-atturi jsostnu wkoll li ppruvaw diversi drabi jikkuntattjaw lir-rapprezentanti tas-soċjeta' konvenuta iżda baqgħu mingħajr ebda risposta.[23]

14. Il-konvenuta da parti tagħha tikkontendi li dak iż-żmien, min kien japplika għal aktar minn 35 pannella ried jottjeni permess mill-MEPA.[24] Għalhekk, fit-12 t'April 2014 hija kienet bagħtet email lill-Perit tal-atturi bil-pjanta ta' kif kien qiegħed jiġi propost li se jiġu installati l-pannelli sabiex japplika għall-*Development Notification* mal-MEPA,[25] u baqgħet tistenna dak il-permess mingħand l-appellati.

15. Il-Perit Censu Galea xehed li ma jiftakarx li qatt irċieva l-imsemmija email jew li qatt ra l-iskizz li għalih tirreferi[26] filwaqt li l-atturi tennew li minkejja li kkuntattjaw lill-konvenuta diversi drabi u marru l-uffiċju tagħha tal-Mosta, il-konvenuta qatt ma nfurmathom li ma setgħatx tipproċedi bl-applikazzjoni qabel ma jinħareġ il-permess mill-MEPA u li kienet bagħtet email lil-Perit u ma kienx weġibhom.[27]

---

[18] Fol. 148.
[19] Fol. 173.
[20] Fol. 287.
[21] Fol. 293.
[22] Fol. 302.
[23] Ara b' mod partikolari il-kontro-eżami ta' Carmen Falzon a fol 322 *et seq*.
[24] Fol. 141.
[25] Fol. 101 – 102.
[26] Fol. 160; 163.
[27] Fol. 121.

16. L-atturi jsostnu li f'Settembru, 2014, minħabba l-urġenza li kellhom minħabba l-iskema tal-121 tramite l-MRRA, huma spiċċaw kellhom jinkarigu kumpanija oħra u ċioe' s-Solar Solutions Ltd sabiex sar il-proġett. Tramite din il-kumpannija jirriżulta li saru żewġ applikazzjonijiet li waslu t-tnejn għand l-Awtorità fit-30 ta' Settembru 2014, hekk kif konfermat minn Owen Ellul in rappreżentanza tal-Malta Resources Authority (MRA).[28] **Dok OE1**[29] hija l-applikazzjoni relattiva għal 44 pannella ta' 250 watts li tiġġenera massimu ta' *a.c. power* ta' 10KW fuq *three phase* għall-fond '*Ave Maria Farm*', filwaqt li **Dok OE2**[30] hija l-applikazzjoni relattiva għal 17-il pannella ta' 250 watts li tiġġenera massimu ta' *a.c. power* ta' 3.68KW fuq *single phase* għall-fond '*Victor F/Hse*'.

17. Skont l-attur, sat-28 ta' Diċembru, 2014 l-44 pannella f'*Ave Maria Farm*' kienu nstallati f'posthom iżda għażel ma jinstallax is-17-il pannella l-oħra fil-fond residenzjali tiegħu hekk kif konfermat mir-rappreżentant ta' Solar Solutions Ltd, Karl Azzopardi.[31] Fil-frattemp, fit-22 ta' Ottubru 2014 u fit-12 ta' Jannar 2015 il-konvenuta bagħtet ittri lill-attur sabiex tinfurmah li s-sistema kienet ġiet ordnata u li kienet tinsab fl-*istores* tagħha lesta sabiex tiġi nstallata.[32]

18. Karl Azzopardi ikkonferma ukoll li kienet saret applikazzjoni oħra[33] relattiva għal 159 pannella ta' 250 watts li tiġġenera massimu ta' *a.c. power* ta' 39.75KW fuq *three phase* għall-fond '*Ave Maria Farm*' iżda skont Karl Azzopardi din l-applikazzjoni ma ġietx approvata.[34] Effettivament, premezz ta' ittra datata 30 ta' Ottubru 2014, l-*Enemalta* nfurmat lill-attur li:

> '*The maximum PV connection which can be technically accommodated on the existant present Network without any modifications is **15KW**.*'[35]

19. L-Enemalta żiedet tgħid li sabiex jiġi ġenerat 39.75KW irid isir *transformer upgrade* li skont ittra oħra datata 4 ta' Diċembru 2014 ġie kkwotat fis-somma ta' €24,459.00.[36] L-attur għażel li ma jidħolx f' din l-ispiża[37] u skont Owen Ellul din l-applikazzjoni ma ġietx sottomessa lill-MRA.

---

[28] Fol. 26.
[29] Fol. 29 et seq.
[30] Fol. 29 et seq.
[31] Fol. 305; 266 et seq.
[32] Fol. 103 – 105.
[33] Fol. 57 et seq.
[34] Fol. 270.
[35] Fol. 107.
[36] Fol. 108.
[37] Fol. 220.

20. Minkejja dan jidher li xorta saret *Development Notification* mal-Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar fit-28 ta' April 2015 għall-ammont sostanzjali ferm ta' pannelli fuq il-bjut kollha tar-razzett tal-atturi liema żvilupp ġie permess fit-30 ta' April 2015.[38] L-attur iżda xehed:

> '*Veru għamilna l-pjanti bil-Perit b'kollox, imma t-tfal iddeċidew illi ma jdaħħlu nies ħadd ġor-razzett u sal-ġurnata tal-lum ma sar xejn.*'[39]

21. Fl-20 ta' Mejju 2016, l-appellati mbagħad bagħtu ittra uffiċċjali skont l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta lis-soċjetà konvenuta[40] u dan sabiex din ta' l-aħħar tirrifondihom lura d-depożitu mħallas lilha għar-raġuni li hija ma wettqitx l-obbligi li daħlet għalihom skont l-istess skrittura datata 4 ta' April, 2014. Is-soċjeta' konvenuta kkontestat il-pretensjoni tal-atturi stante li l-atturi marru kontra l-ordni li kienu għamlu u naqsu li jwettqu l-obbligi tagħhom.[41] Tikkontendi ukoll li hija laħqet ordnat il-pannelli u li issa saru *outdated.*[42] Għalhekk, fl-24 ta' Ġunju, 2016 l-atturi ntavolataw l-kawża odjerna.

22. L-Ewwel Qorti ddeċidiet kif ġej:

> '*Jirrizulta lill-Qorti li sad-data li l-atturi kellhom jikkommissjonaw kumpanija ohra sabiex tissuplixxi l-pannelli, il-kumpanija konvenuta ma kinitx issottomettiet l-ebda applikazzjoni b'dana izda li l-kumpanija timputa li dan in-nuqqas kien tort l-atturi li ma pprezentawx lilha l-permess tal-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar. Is-socjeta' konvenuta tistrieh fuq 'e-mail' wahda (imsemmija aktar 'il fuq) allegatament mibghuta lill-perit tal-atturi fejn intalab jissottometti talba ghal 'DNO' bi pjanta annessa kif kienu ser jigu nstallati l-pannelli.*
>
> *Illi minn qari tal-ftehim datat 4 ta' April, 2014 din il-Qorti ma ghandix dubju li ma kienx kompitu tas-socjeta' konvenuta li tissottometti l-applikazzjoni ta' zvilupp mal-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar tant illi anki fejn jissemmew applikazzjonijiet hija obbligat ruhha biss li tassisti lill-atturi (ara l-uzu tal-kliem 'will assist'). Illi ghalhekk il-kompitu ta' din il-Qorti huwa li tanalizza jekk l-atturi nrexxielhomx jippruvaw lilha li s-socjeta' konvenuta naqset milli taghti dik l-assistenza lilhom kif obbligat ruhha li taghmel ai termini tal-artikoli 4., 5. u 6. fil-ftehim kif hawn fuq ikkwotati.*
>
> *Illi jirrizulta lil din il-Qorti li wara li gie ffirmat il-ftehim datat 4 ta' April, 2014, l-attur kien spiss icempel lil Victor Sultana biex jara l-andament tal-applikazzjoni u dan kien dejjem jghidlu biex ihalli f'idejh. Dan jikkonfermah l-istess Victor Sultana fil-kontro-ezami tieghu a fol. 360 et seq tal-process. Izda jirrizulta mill-istess kontro-ezami li fiz-zmien meta Victor Sultana kien ghadu jirrispondi lill-attur dan qatt ma ndenja ruhu jinforma lill-attur li l-applikazzjoni kienet wieqfa minhabba li kienu qed jistennew il-permess tal-MEPA! Il-Qorti tqis li l-obbligu ta' assistenza li dahlet ghalih il-kumpanija konvenuta kien jinkludi certament l-obbligu li almenu*

---

[38] Fol. 179 *et seq.*
[39] Fol. 303.
[40] Fol. 133.
[41] Fol. 321.
[42] Fol. 145.

*l-atturi jigu nfurmati li l-kumpanija kienet qed tistenna l-permess minghandhom jew li mill-anqas l-atturi jigu nfurmati li l-perit ma kienx irrisponda ghall-e-mail li kienet ntbaghtet lilu. Li kieku dan sar da parti tal-kumpanija, din il-Qorti tinsab certa li l-affarijiet bejn il-partijiet kienu jisvolgu b'mod divers ghall-ahhar. Il-Qorti tqis li bhala parti mill-obbligu tal-assistenza almenu meta l-attur cempel ghal darba, darbtejn, tlieta lil Victor Sultana dan kellu jinfurmah li kienu qed jistennew xi haga minghandu u mhux jghidlu sabiex ihalli f'idu. Apparti minn hekk jirrizulta li f'mument minnhom l-istess Victor Sultana ddecieda li ma jirrispondix aktar lill-attur b'dana li huwa zgur li minn dak il-mument 'il quddiem li s-socjeta' konvenuta ma kinitx qed taghti l-assistenza li ntrabtet li taghti lill-atturi fil-ftehim tal-4 ta' April, 2014 (ara fol. 360).*

*Illi in oltre jirrizulta mix-xhieda dettaljata tal-attrici li fir-rigward ta' numri telefonici ohra tal-kumpanija, li hadd ma kien qed jaghti sodisfazzjon lill-atturi dwar x'kien qed jigri bl-applikazzjoni taghhom anzi kienu qed isibu 'telephones' jinqatghu f'wicchom u ohrajn ma jirrispondi hadd. L-attrici tixhed fil-kontro-ezami li sahansitra kienet marret fil-hanut tas-socjeta' konvenut fil-Mosta u xorta ma nghatat l-ebda risposti. Il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn seta' kien daqshekk difficli li l-kumpanija konvenuta tinforma lill-atturi li kienu qed jistennew xi nformazzjoni minghandhom. Il-Qorti wkoll issib ironiku ghall-ahhar li fil-kontro-ezamijiet saru domandi mis-socjeta' konvenuta lill-atturi fis-sens li wara li s-socjeta' konvenuta baghtet in-nies taghha fir-razzett tal-atturi sabiex tikkonvincihom jahdmu biha u wara l-fatt pruvat li s-socjeta' konvenuta kellha hanut fil-Mosta, is-socjeta' konvenuta pretendiet li l-istess l-atturi kellhom jitilghu fl-ufficcju taghha Ghawdex sabiex jiehdu xi tip ta' sodisfazzjon dwar l-applikazzjoni taghhom. Dan huwa aktar ironiku meta l-istess rapprezentant tas-socjeta' Anthony Saliba anki sabiex jixhed quddiemha dejjem tela' mill-Gzira ta' Malta b'dana li l-prezenza tas-socjeta' f'Malta kienet wahda tant ampja li l-atturi kellhom kull ragun li jippretendu li jinghataw sodisfazzjoni dwar x'qed jigri mill-applikazzjoni f'Malta jekk mhux bit-telephone almenu mill-hanut minghajr il-bzonn li joqghodu jitilghu Ghawdex.*

*Illi ghalhekk din il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-process kelma b'kelma u ghar-ragunijiet suesposti tqis li l-pretensjoni tal-atturi li s-socjeta' konvenut ma adempjixxitx ruhha mal-obbligi assunti minnha skont il-ftehim datat 4 ta' April, 2014 (b'mod partikolari l-obbligu ta' assistenza taht l-obbligu fuq il-kuntrattur kif elenkati fil-paragrafi 4. 5. u 6.) giet sufficjentement pruvata lilha sal-grad tal-probabbli rikjest mil-ligi b'dana li ser tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet attrici.*

23. L-appellanti tilmenta iżda illi l-atturi ma mxewx kif suppost legalment kellhom jagħmlu. Dan għaliex, fil-każ in eżami ma kien stipulat ebda żmien speċifiku għall-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni, u l-appellanti qatt ma tpoġġiet *in mora* permezz ta' att ġudizzjarju kif jipprovdi l-artikolu 1130 tal-Kodiċi Ċivili. Il-qorti tibda biex tosserva li ma ngħatat ebda eċċezzjoni f'dak is-sens. Inoltre, quddiem l-ewwel qorti ma sarx dak l-argument. Ir-regola hi li proċeduri quddiem qorti ta' reviżjoni m'għandhomx iservu sabiex jingħataw eċċezzjonijiet ġodda.

24. L-appellanti qalet ukoll li r-regoli ġenerali dwar kuntratti ma jippermettux it-terminazzjoni unilaterali ta' kuntratt minħabba inadempjenza, iżda l-liġi tagħti lill-Qorti l-fakoltà li tagħti żmien raġonevoli lid-debitur li jissodisfa l-mora (art. 1077

u 1078 tal-Kap. 16). F'dan il-każ m'hemmx jedd għal żmien għaliex il-ftehim kien wieħed kummerċjali.

25. Da parti tagħhom l-atturi wieġbu li l-iskrittura tagħmel riferenza diretta għall-iskema tal-M121 u:

> '*jekk wieħed iħares lejn il-kuntratt li jirregola l-iskema 121, partikolarment l-Artikolu 6 tal-kuntratt esebit mill-esponenti maħruġ mill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima datat 1 ta' Novembru 2013, dan l-Artikolu jistipula li l-investiment għandu jkun lest entro 18-il xahar mill-iffirmar tal-kuntratt u ċjoe sal-1 ta' Mejju 2015.'*

26. Il-qorti tosserva li l-kuntratt mal-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima ma tressaqx bħala prova. Inoltre, ma ġiex imħarrek rappreżentant tal-Ministeru sabiex jixhed dwar il-kondizzjonijiet relattivi għall-iskema.

27. Iżda huwa minnu li l-ftehim in diżamina li sar bejn il-partijiet fl-4 t'April 2014, effettivament jirreferi għall-'*funding being offered under Measure 121: Modernisation of Agricultural Holdings being offered by the Ministry for Resources and Rural Affairs*'. Skont il-ftehim, il-kumpannija konvenuta intrabtet li tassisti lill-atturi fir-rigward tal-'*official application form*'. Il-kuntratt ma jsemmiex espressament x'inhi l-'*official application form*', għalkemm jidher li qiegħed jirreferi għall-formola tal-*Measure 121: Modernisation of Agricultural Holdings being offered by the Ministry for Resources and Rural Affairs*. Tant hu hekk li l-aħħar sentenza tal-kuntratt taqra: "*Should the application of the applicant be unsuccessful, the contractor will refund the deposit paid within one month on presenting of the official documentation received from the MRRA*". L-MRRA hu l-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Ftehim anomalu fil-kuntest tal-fatt li kemm Anthony Saliba kif ukoll Victor Sultana ikkonfermaw li fid-data li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt preliminari, l-attur kien diġa applika għall-għajnuna mal-MRRA taħt l-iskema M121. Il-konvenuta daħlet in xena **wara** li l-attur kien ikkwalifika li jibbenefika minn dawn il-fondi taħt il-miżura M121 għall-numru ta' pannelli.[43]

28. Igħid x'igħid il-ftehim preliminari, għall-qorti hu evidenti li l-partijiet kienu ftehemu li l-konvenuta kellha tieħu ħsieb li ssir l-applikazzjoni mal-MRA[44] sabiex l-atturi jkunu jistgħu jinstallaw 160 pannelli fuq il-bejt tar-razzett tagħhom taħt il-*Feed-in Tarrifs Scheme*. Skont il-konvenuta dak kien in-numru massimu ta'

---

[43] Fol. 141; 146.

[44] Hawnhekk il-Qorti tħoss li għandha tissottolinea id-distinzjoni bejn l-MRA (Malta Resources Authority) u l-MRRA (Ministry for Resources and Rural Affairs). Dan in kwantu f' partijiet tar-rikors tal-appell jidher li l-appellanti tikkonfondi dawn iż-żewġ entitajiet.

pannelli li setgħet tieħu s-sistema tal-elettriku *three phase* tar-razzett tal-atturi. L-appellati ġew imwiegħda ukoll li s-sistema kienet ser tkun f'postha **fi żmien xahrejn** u dan stante li l-atturi għamlu premura li kienu magħfusin biż-żmien li kellhom mal-Ministeru responsabbli għall-affarijiet rurali sabiex jibbenefikaw minn fondi tal-EU bl-għan li jimmodernizzaw ir-razzett tagħhom. Għalhekk m'huwiex il-każ li l-konvenuta ma kinitx marbuta b'terminu ta' żmien sabiex twettaq l-obbligazzjonijiet tagħha kif pretiż minnha fl-appell tagħha. Għalhekk, l-artikolu 1130(2) tal-Kodiċi Ċivili ma japplikax.

29. Kif osservat l-ewwel qorti, wara l-4 ta' April, 2014 il-konvenuta **qatt** ma ndenjat ruħha tinforma lill-appellati li ma setgħetx tippreżenta l-applikazzjoni lill-MRA minħabba li l-perit ma kienx irrisponda għall-email li qegħda tgħid li bagħatitlu. Dan minkejja li l-atturi kienu spiss iċemplu lil Victor Sultana biex jaraw l-andament tal-applikazzjoni li inizjalment kien igħidilhom biex iħallu f'idejh. Hu veru li fl-applikazzjoni tal-MRA tissemma li l-applikant qiegħed jiddikjara li, *"(c) have planning permission issued from the Malta Environment and Planning Authority or a confirmation from the Malta Environment and Planning Authority that proposal does not require planning permission or confirm that the PV installation is in compliance with the same Authority's 'Development Control Policy and Design Guidance manual 2007' or any later update"*. Pero' dik il-formola kienet għand l-appellanti u mill-provi hu evidenti li l-appellanti kellha tippreżenta dik l-applikazzjoni.

30. Jirriżulta inoltre' li l-appellati kienu wkoll iċemplu fuq in-numri tat-telefon l-oħra li kienu stampati fil-ftehim oriġinali, iżda ħadd ma kien jagħtihom sodisfazzjon dwar x'kien qed jiġri bl-applikazzjoni tagħhom. L-appellata kienet saħansitra marret fil-ħanut tas-soċjetà appellanti fil-Mosta u xorta ma ngħatat l-ebda informazzjoni.

31. Il-konvenuta lanqas ma tat spjegazzjoni għalfejn wara l-email tat-12 ta' April, 2014, li tgħid li bagħatet lill-perit Censu Galea, ma talbitx lill-perit Galea jew lill-atturi għall-*update* dwar jekk kienx ħareġ il-permess bid-DNO. Wara kollox l-applikazzjoni tal-MRA, iffirmata mill-attur, kienet għandha u hu evidenti li kellha tkun preżentata mill-appellanti. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra li applikazzjoni għall-ħruġ ta' dak it-tip ta' permess, tiġi pproċessata minnufih. Fil-fatt irriżulta kif fit-28 ta' April, 2015 l-atturi applikaw għal DNO u fit-30 ta' April, 2015 ingħata l-permess bid-DNO. Fl-email stess li l-appellanti qalet li bagħatet lill-perit Galea, li meta xehed ma kkonfermax li rċeviha, jissemma l-permess bil-proċedura ta' DNO. Hawn hu rilevanti wkoll li Timothy Jones, li kien impjegat tal-appellanti, xehed li meta tkellmu mal-attur, *".... aħna konna spjegajnielhom li s-Solar Engineering*

*kienet ser tieħu ħsieb il-proċess kollu inkluż formoli neċessarji u l-applikazzjonijiet tal-Enemalta".*[45] Verżjoni li tikkorabora dak li xehed l-appellat.

32. Kien f'Ottubru 2014, li l-appellanti kitbet lill-appellati sabiex tinfurmahom li l-pannelli kienu fl-*istores* tagħha u ppretendiet li l-appellati jiftehmu data magħha għall-istallazzjoni. Dan meta kienet għadha lanqas biss ma ppreżentat l-applikazzjoni lill-MRA u lanqas ma sar il-kuntratt ta' bejgħ kif hemm stipulat fil-kuntratt preliminari. Inoltre, Victor Sultana xehed li l-pannelli nxtraw hekk kif l-appellanti rċeviet is-somma ta' €9,000 mingħand l-appellati. Dan minkejja li l-ftehim li ffirmaw il-partijiet ma kienx kuntratt ta' bejgħ, kif inhu evidenti mill-klawżoli li jifformaw parti mill-kuntratt.

33. Jekk l-appellanti verament ordnat il-pannelli relattivi meta hija kienet taf li qatt ma ppreżentat l-applikazzjoni lill-MRA, dan għamlitu unikament a riskju tagħha. Skond il-ftehim:

> *'Should the applicant's application be successfully evaluated and a letter of acceptance issued, the applicant will be required to immediately notify the contractor and within one month, enter into an agreement for the supply, installation, testing and commissioning of the said equipment mentioned in his application form.'*

34. L-appellanti kienet taf li l-kuntratt ta' bejgħ ma sarx. Fil-fatt il-qorti tqies ferm suspettuż li l-appellanti tgħid li ordnat il-pannelli u kienet lesta biex tagħti appuntament biex jitwaħħlu fuq il-bejt tar-razzett, meta m'hemmx prova li sar il-ftehim li jissemma f'dik il-klawżola. L-appellanti lanqas ma ġabet prova dokumentarja li ordnat il-pannelli li tgħid li ġabet sabiex jiġu kkonsenjati lill-appellati. Lanqas ma tressqet prova dokumentarja li qabel ordnat il-pannelli, ikkomunikat mal-appellati sabiex tgħarrafhom li kienet ser tordna l-pannelli. Saħansitra lanqas ma' jirriżulta li ħadet xi passi kontra l-appellati sabiex jirċievu l-konsenja tal-pannelli u jħallsu l-bilanċ tal-prezz li jissemma fil-ftehim oriġinali. Dan minkejja li l-appellanti tilmenta li sofriet danni għaliex spiċċat bil-pannelli li xtrat fil-maħżen u li issa ma jistax jinbiegħ.

35. Hu minnu li Victor Sultana xehed li peress li ma kienu semgħu xejn mingħand l-appellat, *"kienu ntbagħatulu għall-reminder tnejn u kienu wkoll ċemplulu diversi drabi biex jaraw fhix kienet waslet l-applikazzjoni mal-MEPA. Kif ninsab infurmat jiena Falzon kien jaqtalhom barra".* F'dan ir-rigward, il-qorti tosserva:

[45] Fol. 129.

i. Ma ġietx preżentata prova dokumentarja ta' *reminders* li qal li ntbagħatu lill-appellat;
ii. Ma tressaqx ix-xhud li suppost kien qiegħed iċempel lill-appellat;
iii. Ma ngħata l-ebda tagħrif meta suppost ġara dak kollu;

36. Il-qorti żżid li mingħajr ma trid issaqsi kif l-uffiċjali tal-appellanti m'għamlux kuntatt dirett mal-perit Galea, wara l-email li qalu li ntbagħatet lilu. Skont ma kiteb Michael Cini f'dak id-dokument, kien tkellem bit-telefon mal-perit Galea. Mela jekk dik l-email verament intbagħatet, kien hemm kuntat dirett bejn l-appellanti u l-perit Galea. Pero' m'hemmx prova li wara t-12 ta' April, 2014 l-appellanti kienet ikkomunikat mal-perit Galea. Dan hu ferm stramb u anzi semmai hi prova li l-appellanti ma kinitx qegħda tagħti każ. Dan minkejja li fl-email inkiteb, *"... **we need to apply** for a MEPA DNO so that we can proceed further"*. Kliem li verament juri li l-arranġament bejn il-partijiet kien li l-appellanti tieħu ħsieb ta' kollox fl-interess tal-appellati.

37. Ix-xahrejn li fih l-appellati kienu ġew imwiegħda li kien hemm bżonn, għaddew u l-appellanti kien għadhom mingħajr il-permessi. L-aġir tal-appellanti fih innifsu juri li ma kinitx qegħda tagħti każ tal-appellati u m'għamlet ebda *follow up*. F'dak ix-xenarju l-appellanti m'għandha l-ebda jedd tippretendi li l-appellati kellhom jibqgħu jistennew sakemm xi darba forsi tqum u tagħmel dak li kellha tagħmel.

38. Stabbilit li l-appellanti ma onoratx l-obbligi tagħha skont il-ftehim, id-depożitu ta' €9,000 imħallas lill-atturi appellanti jrid jiġi rifuż lilhom.

39. Il-qorti żżid ukoll li l-iskrittura privata li ffirmaw il-partijiet m'huwiex kuntratt ta' bejgħ iżda ftehim preliminari. Tant hu hekk li l-ftehim jipprovdi li jekk l-applikazzjoni tintlaqa', *"... the applicant will be required to immediately notify the contractor and within one month, **enter into an agreement for the supply, installation, testing and commissioning of the said equipment mentioned in his application form**. The deposit mentioned in this agreement will then be considered as on 'an account payment' of the purchase price of the equipment"*.

40. Inoltre, il-kuntratt jipprovdi wkoll li, *"If by any means the client decides not to abide with these contract conditions, the client will have to compensate the contractor for the costs of works and fees accumulated for the submittal of the client's application"*. Il-ftehim preliminari ma jgħidx li d-depożitu jintilef favur il-kumpannija konvenuta jekk l-appellati ma jersqux għall-bejgħ. Dan apparti li

m'hemmx prova li l-appellanti għamlet xi spejjeż in konnessjoni ma' xi applikazzjoni.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.